3 ta' Frar, 1950.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Neg. Giovanni Dacoutros *versus* Eustratius Petrocochino, O.B.F. ne.

**Illegittimità tal-Persuna — Meta Tista' Tiġi Sollevata — Appell.**

*L-eċċezzjoni ta' l-Illegittimità tal-Persuna hija perentorja tal-ġudizzju istitwit, għax jekk tiġi milqugħa, il-ġudizzju jaqa' u jispiċċa. Għalhekk dik l-eċċezzjoni, bħala li hija mhux ta' natura preliminari, ma għandhiex tiġi bil-fors mogħtija "in limine litis"; u tista' tiġi sollevata fi kwalunkwe stadju tal-kawża, anki f'sedi ta' appell.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza preliminari minnha mogħtija fis-27 ta' Gunju 1949, fejn tinsab migjuba ċ-ċitazzjoni ta' l-attur, u s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-3 ta' Gunju 1948, bil-motivi tagħha, *kif* ukoll in-noti ta' l-appell u l-petizzjonijiet ta' l-Onorevoli Dr. Paul Boffa, O.B.E., bħala Prim Ministru, l-Onor. Dr. Arthur Colombo bħala Ministru tal-Finanzi, l-Onor. Beltram Camilleri bħala Ministru ta' l-Industrja u Kummerċ, l-Onor. Edgar Cuschieri, O.B.E., bħala Teżorier tal-Gvern u Direttur ta'-Kuntratti, kollha in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, u dawk ta' Eustratius Petrocochino, O.B.E., flimkien

mar-risposti ta' l-attur; u li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell magħmul mill-Onorabbli Dr. Boffa nomine, Onorabbli Dr. Colombo nomine, Onorabbli Camilleri nomine, u Onorabbli Cuschieri nomine, għaż-żewġ kawżalijiet sottomessi mill-appellat; bl-ispejjeż kontra l-istess appellat;

Dawk iż-żewġ kawżalijiet huma:—

1. Li l-imsemmijin Onorabbli Dr. Boffa, Onorabbli Dr. Colombo, Onorabbli Camilleri u Onorabbli Cuschieri, appellaw bħala rappreżentanti tal-Gvern kollettivament, mentri l-Gvern huwa rappreżentat minn awtorità waħda u mhux minn kollettività;

2. Illi l-appellanti fuq imsemmija mhumiex it-terza persuna interessata li skond il-liġi tista' tagħmel appell;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, fuq ordni ta' din il-Qorti, l-attur appellat ippreżenta fil-fol. 78 tal-proċess nota kontenenti l-eċċezzjonijiet tiegħu kontra l-appelli tal-Prim Ministru, tal-Ministru tal-Finanzi, tal-Ministru tal-Kummerċ, u tat-Teżorier tal-Gvern u Direttur tal-Kuntratti;

L-ewwel eċċezzjoni hija dik li l-erba' appelli minnhom interposti huma inammissibili, u kwindi invalidi, billi l-Gvern appella per mezz tal-konvenut oriġinali Eustratius Petrocochino nomine. Fuq dan il-pont din il-Qorti diġà ippronunzjat ruħha fis-sentenza fuq imsemmija tas-27 ta' Ġunju 1949, fejn ġie ritenut li, non ostanti l-appell magħmul mill-konvenut Petrocochino nomine, l-appellanti l-oħra kellhom interess li jappellaw, u kienu skond il-liġi "terzi persuni interessati" biex iġibu 'l quddiem, kif għamlu, dan l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni eċċezzjoni ta' l-attur appellat hija li kwalunkwe konvenut qatt ma jista' jkun persuna illeġittima biex jissolleva u jiddiskuti, fil-prima istanza jew fl-appell, il-kwistjoni ta' l-ileġittimità tal-persuna. Fuq dan il-pont ma jidherx li jista' jkun hemm kuntrast bejn il-kontendenti; tant li l-istess appellant konvenut Petrocochino nomine issolleva dik l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna f'din l-istanza wara li kien baqa' kontumaċi fl-ewwel istanza. Iżda jekk l-appellat jippretendi li la darba dik l-eċċezzjoni ġiet sollevata mill-

appellant Petrocochino, ma setgħetx jew ma kienx hemm interess li tiġi sollevata mill-appellanti l-oħra, dan il-pont jinsab ukoll virtwalment, jekk mhux testwalment, kopert missentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ġunju 1949. B'din is-sentenza, infatti, ġie ritenut li għas-sottomissjoni ta' l-appellat li l-Gvern ta' Malta huwa rappreżentat mill-konvenut Petrocochino, l-appellanti l-oħra jsostnu li huwa ma għandux dik ir-rappreżentanza, u għalhekk il-Gvern ta' Malta ma kellux rappreżentant leġittimu. Kompliet tgħid dik is-sentenza li l-konvenut, għal raġuni jew oħra, baqa' kontumaċi fl-ewwel istanza, seta' ma appellax, jista', għalkemm appella, iċiedi dak l-appell fi kwa'unkwe mument, u intant hemm sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ li biha, bħala rappreżentant tal-Gvern ta' Malta, ġie kundannat iħallas somma ta' flus lill-attur. Jingħad ukoll f'dik is-sentenza li "l-appellanti preċiżament appellaw taħt il-presuppost li l-konvenut ma jirrappreżentax il-Gvern ta' Malta, u dan huma issottomettewh fil-petizzjoni tagħhom; u għalhekk hija kollha kwistjoni li hija sottomessa lil-Qorti u li għandha tiġi deċiża, jekk ċjoè l-konvenut għandux jew le dik ir-rappreżentanza. Għalhekk fil-każ ta' l-ewwel ipotesi għandhom interess li jappellaw". U dan l-interess huwa evidenti li jikkonsisti fil-pretensjoni tagħhom li l-konvenut Petrocochino ma jirrappreżentax lil-Gvern ta' Malta. Jekk dina l-pretensjoni tagħhom ġiet ritenuta sufficjenti biex tiġġustifika l-intervent tagħhom fil-kawża per mezz ta' l-appell minnhom magħmul, ma jistax jiġi lilhom negat li jsostnu dik il-pretensjoni tagħhom bil-mezzi kollha li tagħtihom il-liġi, u partikolarment bl-eċċezzjoni mill-istess liġi għall-każ indikata, jiġifieri bl-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna, minnhom sollevata fil-petizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet eċċezzjoni miġjuba 'l quddiem mill-attur appellat bl-imsemmija nota fol. 78 tal-proċess hija li l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna hija ta' natura preliminari. B'din l-eċċezzjoni l-appellat qiegħed isostni li l-illeġittimità tal-persuna ma tistax tiġi eċċepita f'din l-istanza, għaliex jippretendi li hija eċċezzjoni dilatorja, li, skond il-liġi (art. 729 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), għandha tiġi mogħtija "in limine litis". Dina l-pretensjoni ta' l-attur ma tistax tiġi

muqqgħa, billi dik l-eċċezzjoni hija ta' natura perentorja għall-ġudizzju istitwit; għaliex. jekk mi'qugħa, dak il-ġudizzju jaqa' u jispiċċa. Infatti, din il-Qorti, bis-sentenza tat-30 ta' Novembru 1903 in re "Avvocato della Corona vs. Stannus Geoghan ne." (Kollez. Vol. XVIII—I—108), irriteniet li l-eċċezzjoni ta' l-illegittimità tal-persuna "come qualunque eccezione perentoria, può essere opposta in ogni stadio della causa, anche in grado di appello. 'Licet in principio quaestionis persona inquiri debeat procuratoris, an ad agendum negotium mandatum a domino litis habeat; si tamen falsus procurator inveniatur nec dici controversiae solent, nec potest esse judicium'. Così la legge 24, Codice de procuratoribus, in base alla quale scrisse il Richeri:— 'Si procuratori obiiciatur defectus mandati, exceptio haec perentoria est, qui cum eo judicium nullatenus consistit' (Univ. Jurisp. Lib. IV, 933). Il Vanzio attesta essere questa la comune opinione dei dottori:— 'Communiter concluditur quod exceptio ista — Tu non es procurator — quandocumque admittitur, tum reddat judicium retro nullum' (De Nullitatibus. Tit. IV, no. 135)";

L-istess prinċipju ġie ribadit minn din il-Qorti fil-15 ta' Diċembru 1911 fil-kawża "Calleja nomine vs. Micallef et." (Kollez. Vol. XXI—I—388), u fis-6 ta' Mejju 1907 fil-kawża "Grech nomine vs. Darmanin" (Kollez. Vol. XX—I—264), kif ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-28 ta' Ġunju 1927 fil-kawża "Cutajar vs. Micallef" (Kollez. Vol. XXVI—II—477);

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' eċċezzjoni kontenuta fl-imsemmija nota ta' l-attur fil-fol. 78 hija li l-Gvern kien mill-bidu fil-kawża, u qabel Petrocochino personalment, u għalhekk il-Gvern mhux "terzo", u ma setgħux validament isiru appelli għan-nom tal-Gvern. Anki din l-eċċezzjoni tinsab definita bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ġunju 1949, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-istess attur appellat illi l-appellanti Onorabbli Dr. Boffa ne., Onorabbli Dr. Colombo nomine, Onorabbli Camilleri nomine, u Onorabbli Cuschieri nomine, mhumiex it-"terza persuna interessata" illi skond il-liġi tista' tagħmel appell;

L-aħħar eċċezzjoni sollevata mill-attur appellat hija li fl-ebda appell il-Gvern ma talab fil-petizzjoni l-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju, imma, għall-kuntrarju, talab illi jiġu riġettati d-domandi bl-ispejjeż. L-attur isostni li din id-domanda tipprekludi lill-Gvern milli jissolleva biss l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna u jitlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju. Anki din l-eċċezzjoni ġiet diskussa u trattata fl-imsemmija sentenza tas-27 ta' Ġunju 1949; u preċiżament fl-aħħar konsiderand jingħad hekk:— "Illi fl-aħħar-nett l-attur issottometta illi t-talba fil-petizzjoni hija għar-revoka tas-sentenza, billi jiġi deċiż għar-riġett tat-talbiet ta' l-attur, u ma talbux il-liberatorja 'ab observantia judicii'. L-appellanti ġiebu 'l quddiem l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità ta'-persuna tal-konvenut, u mbagħad, tajjeb jew ħażin, għax dak il-meritu jibqa' impreġudikat, daħlu fil-kwistjoni tal-meritu, u allura bilfors kellhom jitolbu r-revoka ta' dik is-sentenza u r-riġett tat-talbiet; f'dan il-każ, jekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi l-konvenut kien persuna illeġittima, allura t-talba għal-liberazzjoni 'ab observantia' hija impliċita";

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti;

Tirrespinġi t-tielet eċċezzjoni kontenuta fin-nota fil-fol. 78 tal-proċess, u tiddikjara li l-eċċezzjonijiet l-oħra kontenuti fl-istess nota huma punti ġà trattati u eliminati bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ġunju 1949. L-ispejjeż għal din id-deċiżjoni jitħallsu mill-attur appellat.

---